MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2007

Numru. 628/2003

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Mario Buhagiar

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Mario Buhagiar, ta' 35 sena, iben Carmelo u Mary Rose xebba Bezzina, imwieled Pieta fil-19 ta' Lulju, 1968 u li joqghod 12/4 West Street, il-Belt Valletta Nru tal-karta tal-identita 378168(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dan l-ahhar xahar u qabel it-22 ta' April, 2003 matul il-gurnata gewwa l-Hamrun xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe'

CD car stereo tal-ghamla Clarion li jiswa aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000, liema oggett gie mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat ukoll tali hu jinsab ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Awissu, 2003 (a folio 25) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2006 (a folio 18) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta li hemm diversi reati registrati fuqha u li nonostante li nghata aktar minn oportunita' wahda l-imputat xorta wahda rega' kiser dufrejh mal-Qorti u ma tghallimx u ghalhekk il-piena li ser tinghata ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif minnu ammessi u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija effettivi millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------